**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 252/01***

***Pulizija***
***Spettur Sandro Gatt***
***vs***
***Aaron Spiteri***

Illum 24 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess illegali tad-droga eroina.**

Illi l-imputat ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu, u ghaldaqstant din tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghall-perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-rat ir-regolament 8 tal- GN 292/39 ; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat taht ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation M'Grace Vella ghal zmien tnax – il xahar*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma' dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess a tenur ta' l-Art. 5 tal-Kapitlu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat ta' l-imsemmi provvediment.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***